# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Luke Bonello]**

**vs**

**Isslam Tawfik Issa Issa**

**Kumpilazzjoni Numru: 562/2015**

**Illum, sittax (16) ta' Dicembru, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Isslam Tawfik Issa Issa** detentur tal-karta tal-identità numru 20380(A) akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Dicembru 2014 u fil-gimghat ta' wara:

1. **Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew f'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;**

2. **U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra u cioè cekk tal-bank HSBC illi meta gie prezentat ircieva bihom hlas, jew ha kunsinna ta' oggetti, jew gabar depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;**

3. **U aktar talli xjentement ghamel uzu minn att, kitba, jew skrittura falza.**

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tikkunsidra lil hati bhala recidiv ai termini ta' artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat il-fedina tal-imputat;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata erbatax (14) ta' Lulju tas-sena 2015 fejn inghata l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi dawn il-proceduri jittrattaw fuq allegat falsifikazzjoni mill-imputat ghad-detriment tal-Perit David Psaila.

Illi xehed il-**Perit David Psaila** li kkonferma li kien jaf lill-imputat ghaliex kien itih xi xoghol ta' kisi u tibjid f'siti fejn kien jizviluppa. Jghid illi f'sit f'H'Attard kien ghamel dan ix-xoghol, fejn imbaghad wara li jlesti jsir il-kejl sabiex jinhareg il-kont. Meta jinhareg ic-cekk, dan kien jigi mitlub sabiex jiffirma il-kont flimkien ma' fotokopja tal-istess cekk li kienu tawh u dan sabiex izommu rendikont tal-pagamenti. Jghid illi fuq dan is-sit inhareg l-ahhar pagament qabel mal-imputat lesta x-xoghol u dan ghaliex kien talbu l-istess imputat. Dan ic-cekk igib in-numru 1911 tal-Bank HSBC datat tmintax (18) ta' Dicembru 2014 ghas-somma ta' elf, seba' mija u sebgha u sebghin ewro (€1,777).[1] Jghid illi meta kienu qeghdin jaraw il-karti tal-bank irrealizza li dan ic-cekk li kien issarraf kienu ngibdu erbat elef, seba' mija u sebgha u sebghin ewro (€4,777) minflok is-somma ta' elf, seba' mija u sebgha u sebghin ewro. Dan jghid illi wara li gab kopja tac-cekk li kien issarraf mill-imputat bis-somma akbar, cempel lill-imputat biex ikellmu u dan qallu li kellu bzonn il-flus sabiex ihallas lil siehbu.

Xehdet rapprezentant tal-Bank HSBC plc **Rita Farrugia** fejn din ikkonfermat li kienu gew ikkuntattjati minn

[1] Dok. LB4 u LB5.

rapprezentanti tal-kumpanija Peak Ltd. Fejn dawn kienu qeghdin jilmentaw li ghal cekk partikolari numru 911 dawn gew addebitati tliet elef ewro (€3,000) aktar minn dak li kien jistipula tali cekk. Hija pprezentat dan ic-cekk li gie esebit bhala Dok. RF1.[2]

Xehed espert kalligrafu nominat mill-Qorti cioè **Joseph Mallia** fejn dan ezamina c-cekk mertu tal-proceduri u kkonkluda s-segwenti:

> *"Illi wara li saru l-ezamijiet kaligrafici fuq il-kontenut tal-kitba li tidher miktuba fuq ic-cekk tal-bank HSBC document RF 1, l-esponent jikkonkludi dan li gej:*
>
> 1. *Illi l-ittra kapitali **"F"** u l-ittra **"r"** gew mizjuda mal-kelma **One** fl-ewwel linja tac-cekk tal-Bank HSBC document RF 1, sabiex il-kelma taqra **FOur** minflok il-kelma **One**.*
>
> 2. *Illi l-kwalita tal-linja li biha gew miktubin l-ittra kapitali **"F"** u l-ittra **"r"** hija inkompatibbli hekk kif imqabbla mal-linja mexxejja li biha gew*

[2] Fol. 53.

*miktubin l-ittri **O, n,** u **e**, li jifformaw il-kelma **One**.*

3. *Illi r-ras tal-ittra **"e"** formanti parti mill-kelma **One** giet mimlija b'linka, sabiex l-istess ittra tigi taqra ittra **"u"**.*

4. *Illi n-numru **"1"** formanti parti mill-ammont ta' **€1,777.00**, gie alterat sabiex jaqra numru **4B.***

5. *Illi jidhru diskrepanzi u nuqqas ta' qbil fil-kostruzzjoni u l-karatteristika tal-kitba li gew identifikati fin-numru **"4"** li jidher miktub f'parti mill-**ammont**, hekk kif ikkomparat mal-kostruzzjoni u l-karatteristika tal-kitba li gew identifikati fin-numru **"4"** formanti parti mid-data li taqra **18/12/14**."*

Xehed rapprezentant iehor tal-bank HSBC plc **Brian De Gray** fejn dan ikkonferma li l-imputat hallas is-somma ta' tliet elef ewro (€3,000) rapprezentanti d-differenza bejn ic-cekk originarjament mahrug u s-somma li l-parte civile ddikjarat li giet iffrodata.[3]

[3] Dok. BDG1 a fol 112.

Semghet lill-imputat **<u>Isslam Tawfik Issa Issa</u>** bil-gurament fejn dan spjega kif graw l-avvenimenti li wasslu ghal dawn il-proceduri u fejn ikkonferma li kien qed jaghmel xi xoghol f'xi sit fi propjetà tal-parte civile u jghid illi darba minnhom il-Perit Psaila qabad u dahhal lil xi hadd iehor mieghu. Dan jghid illi mar ikellem lil Psaila u dan qallu li lil din il-persuna ma setax inehhiha u ghalhekk qallu sabiex jieqaf. Jghid illi huwa fis-sit kellu scaffolding u xi ghodda zghar li kienu jiswew sebat elef ewro (€7,000) li kien hallihom hemm u fejn Psaila kellu jghaddihomlu izda dan ma ghamel xejn. Jghid illi ghalhekk huwa kellu jaghmel privilegg fuq il-binja li kien qed jahdem fuqha sabiex jithallas u meta sar jaf Psaila kien baghat ghalih u mar ghandu fejn kien hemm it-tfal tieghu u dawn tawh cekk ta' elf ewro (€1,000)[4] izda huwa rrifjutah ghaliex ma kienx a saldu ta' kull pretensjoni. Meta kellem lill-Perit Psaila dan qallu li kien ser ibiddillu c-cekk u dan ghamillu cekk ta' erbat elef ewro (€4,000)[5] u minflok qallu sabiex johroglu ircevuta ta' ghaxart elef ewro (€10,000) izda dan irrifjuta imma c-cekk hekk kif emendat mill-Perit Psaila l-imputat hadu.

---

[4] Li wara rrefera ghal dak misjub f'fo.l 16 u cioè c-cekk ammontanti ghal €1,777.

[5] Riferibilment ghac-cekk kif alterat ghal €4,777.

Xehed in-Nutar **George Spiteri Debono** fejn dan ikkonferma li sar kancellament ta' privilegg maghmul mill-imputat kontra l-Perit Psaila u dan wara li l-partijiet kienu qablu fuq id-divergenzi ta' bejniethom. Dan jghid illi dan sar ukoll in vista u wara li qamet il-kwistjoni tac-cekk alterat.[6]

## Ikkunsidrat

Illi l-imputat odjern gie akkuzat bir-reat ta' falsifikazzjoni kontemplat bl-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula s-segwenti:

> *"Kull persuna ohra li taghmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi tohloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi ddahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zzid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew*

[6] Dok. GSD1 a fol 142 tal-process.

*skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, tehel, meta tinsab hatja, il-piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha."*

Illi dan l-Artikolu jiddisponi li l-imputat ghandu jkun l-agent tal-falsifikazzjoni billi huwa jaghmel falsifikazzjoni ta' att jew pubbliku jew ta' bank privat billi jalterah b'xi mod.

Illi f'dawn il-proceduri kulma ngab huwa l-parte civile u cioè l-Perit Psaila li kkonferma l-obbligu kuntrattwali li kellu mal-imputat u fejn qed jallega illi c-cekk inkwistjoni kien mahrug ghal certu somma izda gie alterat ghal somma akbar. Din il-Qorti tinnota li fl-ebda stadju ma l-Perit Psaila kkundanna jew ippunta subajgh direttament lejn l-imputat izda semplicement jghid illi c-cekk kien hareg ghas-somma ta' elf, seba' mija u sebgha u sebghin ewro (€1,777) u minflok gie inkassat ghas-somma ta' erbat elef, seba' mija u sebgha u sebghin ewro (€4,777).

Illi dan qed jinghad ghaliex meta l-Qorti semghet ix-xhieda bil-gurament tal-imputat fejn ta verzjoni aktar dettaljata ta' x'gara u fejn kien qed jikkonferma kompletament dak li kien qal a tempo vergine fl-istqarrija tieghu, aktar u aktar

kien hemm vizjoni cara tal-istorja kif zvolgiet u ghalhekk li din il-Qorti qed taghti aktar piz lill-verzjoni tal-imputat.

Illi di più ghalkemm din il-Qorti hija kkonfortata bir-rapport tal-espert kalligrafiku Joseph Mallia, dan ma hareg xejn gdid minn dak li qal l-imputat u cioè li dan ic-cekk kien mahrug originarjament ghas-somma ta' elf, seba' mija u sebgha u sebghin ewro (€1,777) u wara gie emendat biex jirrifletti s-somma ta' erbat elef, seba' mija u sebgha u sebghin ewro (€4,777). Illi fl-ebda mument ma hareg illi l-iskrittura alterata kienet saret mill-imputat *de quo* u ghalhekk il-prosekuzzjoni ma rrnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li kien fil-fatt l-imputat li altera tali cekk u ghalhekk l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) akkuza.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll talli xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz ai termini tal-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Mark Randon</u>** deciz mill-Qorti tal-Magistrat bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-18 ta' Lulju 2014, inghad li:

*"L-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi "Kull persuna li xjentement tagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija flartikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena stabbilita għall-awtur tal-falsifikazzjoni." Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ghallfini tar-reat fl-Artikolu 184, ma hux necessarju li min jaghmel uzu minn att falz, ikun ukoll l-awtur tal-istess falsifikazzjoni. L-importanti hu, li min jaghmel uzu minn tali att falz, ikollu ix-xjenza, li l-att ikun falz. Ghalkemm ma hemmx prova li l-imputat iffalsifika l-firma ta' Saviour Farrugia fuq iccheque in kwistjoni, mill-provi jirrizulta li fit-22 ta' Lulju 2002, l-imputat iddepozita dan ic-cheque f'kont tieghu (i.e. tal-istess imputat) mal-Lombard Bank – u ghalhekk ghamel uzu minn dan ic-cheque b'firma falsifikata. Issa dan ic-cheque kien inghata lill-imputat minn Travelex Financial Services Limited fit-12 ta' Lulju 2002 (id-data tac-cheque) jew f'xi data sussegwenti, u mill-provi jirrizulta li dan ic-cheque baqa' l-hin kollu fil-pussess tal-imputat. Fid-dawl tas-suespost, fl-opinjoni tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputat – li kellu ic-cheque de quo il-hin kollu fil-*

*pussess tieghu – kien jaf x'gara minn dan ic-cekk, u senjatament li hu ma kienx tah lil Saviour Farrugia ghal xi hin. Ghalhekk, meta l-imputat mar jiddepozita dan ic-cheque l-Bank, kien jaf ben tajjeb, li l-firma ta' Saviour Farrugia fuq dan ic-cheque kienet giet falsifikata.*

*Ghaldaqstant, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' din it-tieni imputazzjoni."*

Illi ghalhekk l-element krucjali f'dan il-kaz, sabiex tali reat jissusisti tenut kont tal-fatt illi l-imputat mhux ser jigi misjub hati ta' falsifikazzjoni, irid jigi ppruvat li hu kien jaf ben sew li c-cekk li kien qed juza kien gie ffalsifikat.

Illi din l-akkuza fil-kaz odjern qatt ma tista' tissussisti u dan ghaliex l-imputat kien konxju li c-cekk gie alterat izda li dan sar mill-persuna/i li kellhom kull awtorità li jaghmlu dan u ghalhekk il-*mens rea* necessarja ghal kommissjoni ta' dan ir-reat kienet wahda mankanti ghall ahhar.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat **Isslam Tawfik Issa Issa** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u dan stante li ma gewx ippruvati oltrè d-dubju dettat mil-ligi.

____________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**